

Brussell, 3 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9800/16

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0268 (COD)

EF 155
ECOFIN 546
CODEC 813

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2015) 583 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għal Regolament dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew meta jiġu ammessi għall-kummerċ¹.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kien mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Jannar 2016 u l-Kumitat ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Marzu 2016. Il-Kumitat tar-Reġjuni kien mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Jannar 2016 u l-Kumitat informa lill-Kunsill bid-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' April 2016. Il-Bank Ċentrali Ewropew kien mistieden jagħti l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Marzu 2016 u ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Marzu 2016. L-opinjoni tal-Kumitat ECON tal-Parlament Ewropew għadha pendenti.

¹ ST 14890/15 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3

3. Il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fit-13 ta' Jannar 2016, segwita bi ftit interventi mid-delegazzjonijiet.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji f'dis-a' laqgħat waqt il-Presidenza Netherlandiża. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji (Attachés) tal-24 ta' Mejju 2016, u proċedura ta' silenzju fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma sussegwenti, li ntemm fit-2 ta' Ġunju 2016, il-proposta ta' kompromess reċenti għal approċċ ġenerali, kif tinsab fid-dok. 9801/16, hija issa appoġġata mid-delegazzjonijiet kollha.

III. KONKLUŻJONI

5. F'dan l-isfond, huwa rrakkomandat li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill (ECOFIN tas-17 ta' Ġunju 2016) biex:
- jaqbel, bħala punt "A", dwar l-approċċ ġenerali, kif jinsab fid-dok. 9801/16, u
 - jistieden lill-Presidenza Slovakkja li jmiss biex tibda, meta jkun prattikabbli, negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi tal-approċċ ġenerali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.